MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tal-25 ta' Ottubru, 2004

Avviz Numru. 81/2003

**Carmel sive Charles Sciberras, f'ismu proprju u ghan-nom ta' ohtu assenti Maria Antonia mart David Knight, Peter Paul Sciberras, Conrad Borg Manche' u Philip Borg Manche' ghan-nom u in rapprezentanza ta' wliedu minuri David u Francesca Borg Manche' u b'digriet tat-22 ta' Lulju, 2004, wara l-mewt ta' l-attur Peter Paul Sciberras l-atti gew trasfuzi favur l-eredi tieghu Carmel sive Charles u Maria Antonia mart David Knight ahwa Sciberras u favur Conrad, David u Maria Francesca ahwa Borg Manche'**

**vs**

**Youssef u Romina mizzewgin Rhouri u b'digriet tas-16 ta' Gunju, 2004, il-kunjom tal-konvenuti jigi kancellat u sostitwit bil-kunjom Rhouni**

**I**l-Qorti,

Wara li rat it-talba ta' l-atturi ghall-kundanna tal-konvenuti sabiex ihallsu s-somma ta' elfejn, hames mija u ghoxrin

lira Maltin (Lm2520) ta' arretrati ta' kera, bl-Lm40 fix-xahar, tal-fond "St. Rita" 12, St. Edward Street, Birzebbuga, ghall-perijodu minn Novembru, 1997 sa' Jannar, 2003, b'riserva ta' ammonti ulterjuri sal-effettiv zgumbrament taghhom in segwitu ghas-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Inferjuri (avviz 1666/00) ta' l-4 ta' Ottubru, 2002.

Bl-imghax legali mid-data ta' l-ittra ufficjali tal-25 ta' Ottubru, 2002 u bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-istess ittra ufficjali u tal-Mandat ta' Sekwestru numru 308/2003 kontra konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-mistoqsijiet ta' l-atturi sabiex il-konvenut Youssef Rhouni jwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut Youssef Rhouni naqas u ma deherx, la fl-20 ta' Ottubru, 2004, meta gew pprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut Youssef Rhouni.

**< Sentenza In Parte >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------